IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.3.2021
COM(2021) 168 final

2021/0091 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342 li tagħti appoġġ temporanju lir-Renju tal-Belġju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 ("ir-Regolament SURE") jistabbilixxi l-qafas legali għall-għoti ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni lill-Istati Membri, li qed jesperjenzaw taqlib ekonomiku sever ikkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew huma mhedda serjament minn taqlib bħal dan. L-appoġġ bis-saħħa ta' SURE jservi għall-finanzjament, primarjament, ta' skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar jew miżuri simili mmirati biex jipproteġu l-impjegati u lil dawk li jaħdmu għal rashom u b'hekk inaqqsu l-inċidenza tal-qgħad u t-telf tad-dħul, kif ukoll għall-finanzjament, bħala anċillari, ta' xi miżuri relatati mas-saħħa, b'mod partikolari fil-post tax-xogħol.

Fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Belġju bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tiegħu biex jittratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u jwieġeb għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

Fil-11 ta' Marzu 2021, il-Belġju talab assistenza finanzjarja ġdida mill-Unjoni skont ir-Regolament SURE.

F'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament SURE, il-Kummissjoni kkonsultat lill-awtoritajiet Belġjani biex tivverifika ż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa reali u ppjanata direttament relatata mal-miżuri tas-suq tax-xogħol Belġjani u mal-miżuri relatati mas-saħħa u kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19. B'mod partikolari, iż-żieda fin-nefqa li għaliha qed tintalab assistenza finanzjarja addizzjonali tappartjeni għal taħlita ta' miżura ġdida u miżuri eżistenti msemmija fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1342:

għadd ta' skemi ta' appoġġ għall-introjtu reġjonali u komunitarji jipprovdu appoġġ għall-introjtu lil dawk li jaħdmu għal rashom, kumpaniji b'persuna waħda u tipi oħra ta' impjegati, li ma jikkwalifikawx għal tipi oħra ta' appoġġ għall-introjtu. B'mod partikolari, il-primjums ta' kumpens għall-kumpaniji u għall-intraprendituri u miżura ġdida li tikkonsisti f'appoġġ ta' emerġenza lill-imprendituri u lil kumpaniji b'persuna waħda għar-Reġjun Kapitali ta' Brussell, l-inkonvenjent, il-kumpens u l-primjums ta' appoġġ (u t-tliet estensjonijiet sussegwenti tiegħu) għar-Reġjun Fjamming u l-Komunità Fjamminga u l-primjum ta' kumpens għall-għeluq tan-negozju (u ż-żewġ estensjonijiet tiegħu) għar-Reġjun tal-Vallonja jipprovdu appoġġ ġeneralizzat ta' darba u speċifiku għas-settur għall-kumpaniji u għal dawk li jaħdmu għal rashom li kienu jeħtieġu li jagħlqu l-attivitajiet tagħhom minħabba l-COVID-19 jew li ffaċċjaw tnaqqis sostanzjali fil-fatturat. Miżuri oħra (il-primjum ta' kumpens għall-ħaddiema intermittenti fir-Reġjun Kapitali ta' Brussell, is-sussidju għan-nurseries u s-sovvenzjoni tal-operaturi kulturali fil-Komunità Franċiża, l-attivitajiet ta' taħriġ fil-Vallonja) jimmiraw lejn dawk li jaħdmu għal rashom u l-ħaddiema mingħajr aċċess għall-iskema tal-qgħad temporanju f'setturi speċifiċi (is-settur kulturali u tal-kura, l-attivitajiet ta' taħriġ).

Il-Belġju pprovda lill-Kummissjoni bl-informazzjoni rilevanti.

Wara li qieset l-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qed tipproponi lill-Kunsill biex jadotta Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni biex tingħata assistenza finanzjarja lill-Belġju bis-saħħa tar-Regolament SURE b'appoġġ għall-miżuri ta' hawn fuq.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta preżenti hija kompletament konsistenti mar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672, li bis-saħħa tiegħu qed issir il-proposta.

Din il-proposta ġejja apparti strument ieħor tal-liġi tal-Unjoni li jipprovdi appoġġ lill-Istati Membri f'każ ta' emerġenza, jiġifieri r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002 tal-11 ta' Novembru 2002 li jistabbilixxi l-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea (FSUE) ("ir-Regolament (KE) Nru 2012/2002"). Ir-Regolament (UE) 2020/461 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda dak l-istrument biex jestendi l-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biex ikopri emerġenzi kbar ta' saħħa pubblika u jiddefinixxi operazzjonijiet speċifiċi eliġibbli għall-finanzjament, ġie adottat fit-30 ta' Marzu.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija parti minn firxa ta' miżuri żviluppati b'reazzjoni għall-pandemija attwali tal-COVID-19 bħall-"Inizjattiva ta' Investiment fir-Rispons għall-Coronavirus", u tikkomplementa strumenti oħra li jappoġġaw l-impjiegi bħall-Fond Soċjali Ewropew u l-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi/InvestEU. Bl-użu ta' għoti u teħid b'self f'dan il-każ partikolari tat-tifqigħa tal-COVID-19 għall-appoġġ tal-Istati Membri, din il-proposta taġixxi bħala t-tieni linja ta' difiża biex jiġu ffinanzjati skemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili, biex jiġu protetti l-impjiegi u b'hekk l-impjegati u l-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju tal-qgħad.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-bażi ġuridika għal dan l-istrument hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672.

- **Is-sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-proposta ssegwi talba tal-Istati Membri u turi solidarjetà Ewropea billi tipprovdi assistenza finanzjarja tal-Unjoni fil-forma ta' self temporanju lil Stat Membru affettwat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Bħala t-tieni linja ta' difiża, tali assistenza finanzjarja tappoġġja ż-żieda fin-nefqa pubblika tal-gvern fuq bażi temporanja fir-rigward tal-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar u miżuri simili biex tgħinhom jipproteġu l-impjiegi u b'hekk lill-impjegati u lill-persuni li jaħdmu għal rashom kontra r-riskju ta' qgħad u t-telf ta' introjtu.

Appoġġ bħal dan jgħin lill-popolazzjoni affettwata u jgħin biex itaffi l-impatt soċjali u ekonomiku dirett ikkawżat mill-kriżi attwali tal-COVID-19.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta tosserva l-prinċipju tal-proporzjonalità. Ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet tal-istrument.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza biex titħejja l-proposta u biex tkun tista' tiġi adottata fil-ħin mill-Kunsill, ma setgħetx titwettaq konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba n-natura urġenti tal-proposta, ma saret l-ebda valutazzjoni tal-impatt.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tkun tista' tikkuntratta self fis-swieq finanzjarji bil-għan li tisilfu lill-Istat Membru li jkun qed jitlob assistenza finanzjarja taħt l-istrument SURE.

Minbarra l-provvediment tal-garanziji tal-Istati Membri, jiddaħħlu salvagwardji oħra fil-qafas sabiex tiġi żgurata s-soliditá finanzjarja tal-iskema:

- Approċċ rigoruż u konservattiv għall-ġestjoni finanzjarja;
- Kostruzzjoni tal-portafoll ta' self li jillimita r-riskju ta' konċentrazzjoni, skopertura annwali u skopertura eċċessiva għal Stati Membri individwali, filwaqt li jiġu żgurati riżorsi suffiċjenti li jistgħu jingħataw lill-Istati Membri li huma l-aktar fil-bżonn; kif ukoll
- Possibbiltajiet ta' riportament tad-dejn.

2021/0091 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342 li tagħti appoġġ temporanju lir-Renju tal-Belġju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 biex jittaffew ir-riskji tal-qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2020/672 tad-19 ta' Mejju 2020 dwar l-istabbiliment ta' Strument Ewropew għal appoġġ temporanju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad f'emerġenza (SURE) wara t-tifqigħa tal-COVID-19[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Fil-25 ta' Settembru 2020, il-Kunsill ta assistenza finanzjarja lill-Belġju fil-forma ta' self li jammonta għal massimu ta' EUR 7 803 380 000 b'maturità medja massima ta' 15-il sena, wara t-talba tal-Belġju tas-7 ta' Awwissu 2020, bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali tiegħu biex jittratta l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u jwieġeb għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għall-persuni li jaħdmu għal rashom.

(2) Is-self kellu jiffinanzja l-iskemi ta' xogħol b'ħinijiet iqsar, miżuri simili u miżuri relatati mas-saħħa adottati mill-Belġju, kif imsemmi fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1342[2].

(3) It-tifqigħa tal-COVID-19 qed tkompli tipparalizza parti sostanzjali tal-forza tax-xogħol fil-Belġju. Dan wassal għal żieda f'daqqa u severa fin-nefqa pubblika mill-Belġju fir-rigward ta' miżura ġdida, jiġifieri skema ġdida ta' appoġġ għan-negozji ż-żgħar fir-Reġjun Kapitali ta' Brussell, u miżuri reġjonali eżistenti oħra, xi whud minnhom estiżi, kif imsemmi fl-Artikolu 3(d) minn (i) sa (iv) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342.

(4) It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-miżuri straordinarji implimentati mill-Belġju fl-2020 u l-2021 biex titrażżan it-tifqigħa u l-impatt soċjoekonomiku u marbut mas-saħħa tagħha huma mistennija li jkollhom impatt drammatiku fuq il-finanzi pubbliċi. Skont it-tbassir tal-ħarifa 2020 tal-Kummissjoni, il-Belġju kien mistenni li jkollu defiċit u dejn tal-amministrazzjoni pubblika ta' 11,2 % u 117,7 % tal-prodott domestiku gross (PDG) rispettivament sa tmiem l-2020. Fl-2021, id-defiċit u d-dejn tal-amministrazzjoni pubblika tal-Belġju huma mbassra li jkunu 7,1 % u 117,8 % tal-PDG rispettivament.

[1] ĠU L 159, 20.5.2020, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2020/1342 tal-25 ta' Settembru 2020 li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lir-Renju tal-Belġju biex jittaffew ir-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19, ĠU L 314, 29.9.2020, p. 4–9.

Skont it-tbassir proviżorju tax-xitwa 2021 tal-Kummissjoni, il-PDG tal-Belġju huwa proġettat li jiżdied bi 3,9 % fl-2021.

(5) Fil-11 ta' Marzu 2021, il-Belġju talab assistenza finanzjarja ulterjuri mill-Unjoni għal ammont ta' EUR 394 150 000 bil-ħsieb li jikkomplementa l-isforzi nazzjonali li saru fl-2020 u fl-2021 biex jindirizza l-impatt tat-tifqigħa tal-COVID-19 u jirreaġixxi għall-konsegwenzi soċjoekonomiċi tat-tifqigħa għall-ħaddiema u għal dawk li jaħdmu għal rashom. B'mod partikolari dan jikkonċerna l-miżuri stabbiliti fil-premessi minn (6) sa (7).

(6) Dan jikkonċerna talba għal appoġġ għal estensjoni ta' skemi ta' appoġġ għall-introjtu reġjonali u komunitarji eżistenti msemmija fl-Artikolu 3(d) minn (i) sa (iv) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342 tar-Reġjun Kapitali ta' Brussell, ir-Reġjun Fjamming u l-Komunità Fjamminga, ir-Reġjun tal-Vallonja u l-Komunità Franċiża:

"Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/019 du 23 avril 2020/Bijzondere machtenbesluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering nr. 2020/019 van 23 april 2020[3]";

"Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/030 du 28 mai 2020/Bijzondere machtenbesluit nr. 2020/030 van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 28 mei 2020[4]", kif estiż mill-"Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 15 octobre 2020 relatif à une aide aux secteurs de l'événementiel, du monde de la nuit, du tourisme et de la culture dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 15 oktober 2020 betreffende steun aan de evenementen-, uitgaans-, toeristische en culturele sector in het kader van de gezondheidscrisis COVID-19" u "Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 12 novembre 2020 relatif à une aide aux entreprises débits de boissons et restaurants dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 12 november 2020 betreffende steun aan de eet- en drankgelegenhedenondernemingen in het kader van de gezondheidscrisis COVID-19". Iż-żewġ skemi estiżi jipprovdu primjums ta' kumpens għal dawk li jaħdmu għal rashom u għal negozji b'persuna waħda f'setturi li kienu mġiegħla jagħlqu fil-kuntest tal-pandemija;

"Notification de la réunion du conseil des ministres du gouvernement de la région de Bruxelles-Capitale du jeudi 14 mai 2020/Betekening van de vergadering van de Ministerraad van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van donderdag 14 mei 2020", kif trasposta mill-"Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 24 juillet 2020 instaurant une aide exceptionnelle pour les travailleurs

[3] Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/019 du 23 avril 2020 modifiant l'arrêté de pouvoirs spéciaux n° 2020/013 du 7 avril 2020 relatif à une aide en vue de l'indemnisation des entreprises affectées par les mesures d'urgence pour limiter la propagation du coronavirus COVID-19/Bijzondere machtenbesluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering nr. 2020/019 van 23 april 2020 tot wijziging van het bijzondere machtenbesluit nr. 2020/013 van 7 april 2020 betreffende de steun tot vergoeding van de ondernemingen getroffen door de dringende maatregelen om de verspreiding van het coronavirus COVID-19 te beperken.

[4] Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/030 du 28 mai 2020 relatif à l'aide aux entreprises qui subissent une baisse d'activité en raison de la crise sanitaire du COVID-19/Bijzondere machtenbesluit nr. 2020/030 van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 28 mei 2020 betreffende de steun aan ondernemingen die een terugval van hun activiteit ondergaan als gevolg van de gezondheidscrisis COVID-19.

intermittents de la culture/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 24 juli 2020 houdende invoering van uitzonderlijke steun voor de cultuurwerkers[5]";

"Besluit van de Vlaamse Regering van 20 maart 2020[6]";

"Besluit van de Vlaamse Regering van 10 april 2020[7]";

"Besluit van de Vlaamse Regering van 12 juni 2020[8]" li jistabbilixxi "primjum ta' appoġġ", kif estiż mill-"Besluit van de Vlaamse Regering van 23 oktober 2020", "Besluit van de Vlaamse Regering van 7 augustus 2020" u "Besluit van de Vlaamse Regering van 13 november 2020". It-tliet skemi estiżi, imsejħa wkoll "Mekkaniżmu ta' Protezzjoni Fjamming 1,2 u 3" rispettivament jipprovdu primjum ta' appoġġ għan-negozji li huma miftuħa iżda jesperjenzaw tnaqqis fil-fatturat ta' mill-inqas 60 % jew kellhom jagħlqu n-negozju tagħhom minħabba miżuri federali ta' sikurezza u sigurtà;

"Arrêté du Gouvernement de la Communauté française de pouvoirs spéciaux n° 4 du 23 avril 2020[9]", "Arrêté du Gouvernement de la Communauté française du 7 avril 2020[10]"; "Arrêté ministériel du 8 avril 2020 portant exécution de l'arrêté du Gouvernement wallon du 20 mars 2020[11]"; "Arrêté du Gouvernement wallon du 19 juin 2020[12]";

Il-miżuri msemmija qabel jappartjenu għal skemi li jipprovdu appoġġ għall-introjtu lil dawk li jaħdmu għal rashom, kumpaniji b'persuna waħda u tipi oħra ta' impjegati, li ma jikkwalifikawx għal tipi oħra ta' appoġġ għall-introjtu. B'mod partikolari, il-

5 Notification de la réunion du conseil des ministres du gouvernement de la région de Bruxelles-Capitale du jeudi 14 mai 2020, point 25/Betekening van de vergadering van de Ministerraad van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van donderdag 14 mei 2020, il-punt 25. This political decision has been transposed into a legal act by Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 24 juillet 2020 instaurant une aide exceptionnelle pour les travailleurs intermittents de la culture/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 24 juli 2020 houdende invoering van uitzonderlijke steun voor decultuurwerkers.

6 Besluit van de Vlaamse Regering van 20 maart 2020 tot toekenning van steun aan ondernemingen die verplicht moeten sluiten ten gevolge van de maatregelen genomen door de Nationale Veiligheidsraad vanaf 12 maart 2020 inzake het coronavirus.

7 Besluit van de Vlaamse Regering van 10 april 2020 tot toekenning van steun aan ondernemingen die een omzetdaling hebben ten gevolge van de exploitatiebeperkingen opgelegd door de maatregelen genomen door de Nationale Veiligheidsraad vanaf 12 maart 2020 inzake het coronavirus.

8 Besluit van de Vlaamse Regering van 12 juni 2020 tot toekenning van steun aan ondernemingen die een omzetdaling hebben ondanks de versoepelde coronavirusmaatregelen, tot wijziging van de artikelen 1, 9 en 11 van het besluit van de Vlaamse Regering van 10 april 2020 tot toekenning van steun aan ondernemingen die een omzetdaling hebben ten gevolge van de exploitatiebeperkingen opgelegd door de maatregelen genomen door de Nationale Veiligheidsraad vanaf 12 maart 2020 inzake het coronavirus, en tot wijziging van de artikelen 1, 6, 9 en 12 van het besluit van de Vlaamse Regering van 20 maart 2020 tot toekenning van steun aan ondernemingen die verplicht moeten sluiten ten gevolge van de maatregelen genomen door de Nationale Veiligheidsraad vanaf 12 maart 2020 inzake het coronavirus.

9 Arrêté du Gouvernement de la Communauté française de pouvoirs spéciaux n° 4 du 23 avril 2020 relatif au soutien du secteur culturel et du cinéma dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19.

10 Arrêté du Gouvernement de la Communauté française du 7 avril 2020 relatif au soutien des milieux d'accueil dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19.

11 Arrêté ministériel du 8 avril 2020 portant exécution de l'arrêté du Gouvernement wallon du 20 mars 2020 relatif à l'octroi d'indemnités compensatoires dans le cadre des mesures contre le coronavirus COVID-19 u Arrêté du Gouvernement wallon du 20 mars 2020 relatif à l'octroi d'indemnités compensatoires dans le cadre des mesures contre le coronavirus COVID-19.

12 Arrêté du Gouvernement wallon du 19 juin 2020 portant des dispositions diverses relatives aux formateurs et au subventionnement des activités de formation des centres de formation du réseau IFAPME.

primjums ta’ kumpens għall-kumpaniji u għall-imprendituri fir-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali, il-primjums ta’ inkonvenjent, kumpens u appoġġ fir-Reġjun Fjamming u l-Komunità Fjamminga, u l-primjum ta’ kumpens għall-għeluq tan-negozju fir-Reġjun ta’ Walloon jipprovdu appoġġ ġeneralizzat ta’ darba għall-kumpaniji u għal dawk li jaħdmu għal rashom li kellhom bżonn iwaqqfu l-attivitajiet tagħhom minħabba COVID-19 jew li kellhom iħabbtu wiċċhom ma’ tnaqqis sostanzjali fil-fatturat.

Fejn il-miżuri jimmiraw lejn firxa usa’ ta’ benefiċjarji, intalbu biss l-ammonti għan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji b’persuna waħda. Miżuri oħra, (il-primjum ta’ kumpens għall-ħaddiema intermittenti fir-Reġjun ta’ Brussell Kapitali, is-sovvenzjoni tan-nurseries u tal-operaturi kulturali fil-Komunità Franċiża tal-Belġju, l-attivitajiet ta’ taħriġ fir-Reġjun ta’ Walloon, u s-sovvenzjoni tal-operaturi kulturali u ta’ dawk li jaħdmu għal rashom jindirizzaw lil dawk li jaħdmu għal rashom u lill-ħaddiema mingħajr aċċess għall-iskema ta’ qgħad temporanju f’setturi speċifiċi (is-settur kulturali u tal-indukrar, l-attivitajiet ta’ taħriġ).

(7) Qed jintalab ukoll appoġġ għal miżura ġdida mir-Reġjun Kapitali ta’ Brussell. Tikkonċerna l-“Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale concernant l’octroi d’une subvention de 1.625.000,00 EUR à la SA Brusoc dans le cadre de l’octroi de micro-crédits de trésorerie pour les indépendants et les micro-entreprises en raison de la crise sanitaire du COVID-19/Toekenning van micro-kaskredieten voor zelfstandigen en zko’s”. B’mod partikolari, il-miżura tipprovdi mikrokrediti lill-intraprendituri u lil kumpaniji b’persuna waħda fil-Kapitali Brussell. Intalbet biss il-parti tan-nefqa pubblika relatata mat-telf mistenni. L-ammont mitlub għan-nefqa jirrigwarda biss l-appoġġ ta’ dawk li jaħdmu għal rashom u ta’ negozji b’persuna waħda.

(8) Il-Belġju jissodisfa l-kundizzjonijiet għat-talba ta’ assistenza finanzjarja stabbiliti fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/672. Il-Belġju pprovda lill-Kummissjoni b’evidenza xierqa li n-nefqa pubblika attwali u ppjanata żdiedet b’EUR 10 103 933 459 mill-1 ta’ Frar 2020 minħabba l-miżuri nazzjonali meħuda biex jiġu ttrattati l-effetti soċjoekonomiċi tat-tifqigħa tal-COVID-19. Dan jikkostitwixxi żieda f’daqqa u severa minħabba li huwa relatat ukoll kemm ma’ miżura ġdida kif ukoll ma’ miżuri eżistenti relatati direttament ma’ skemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar u miżuri simili, xi whud minnhom estiżi, li jkopru proporzjon sinifikanti ta’ impriżi u tal-forza tax-xogħol fil-Belġju. Il-Belġju biħsiebu jiffinanzja EUR 1 906 403 459 tal-ammont miżjud tan-nefqa pubblika permezz tal-fondi tiegħu stess.

(9) Il-Kummissjoni kkonsultat lill-Belġjuu vverifikat iż-żieda għal għarrieda u qawwija fin-nefqa pubblika attwali u ppjanata direttament relatata mal-iskemi ta’ xogħol b’ħinijiet iqsar u miżuri simili msemmija fit-talba tas-11 ta’ Marzu 2021, skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2020/672.

(10) Għalhekk jenħtieġ li tingħata assistenza finanzjarja bil-għan li l-Belġju jiġi megħjun jindirizza l-effetti soċjoekonomiċi tat-taqlib ekonomiku gravi kkawżat mit-tifqigħa tal-COVID-19. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tieħu d-deċiżjonijiet rigward il-maturitajiet, il-qies u r-rilaxx tal-ħlasijiet parzjali u tal-partijiet f’kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet nazzjonali.

(11) Il-Belġju u l-Kummissjoni għandhom iqisu din id-Deċiżjoni fil-ftehim ta’ self imsemmi fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672.

(12) Jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tkun mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura relatata ma' distorsjonijiet tal-operat tas-suq intern li tista' titwettaq, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma twarrabx il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat.

(13) Jenħtieġ li l-Belġju jinforma lill-Kummissjoni fuq bażi regolari dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata, sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tivvaluta l-punt sa fejn il-Belġju implimenta dik in-nefqa.

(14) Id-deċiżjoni li tingħata assistenza finanzjarja ttieħdet b'kunsiderazzjoni tal-ħtiġijiet eżistenti u dawk mistennija tal-Belġju, kif ukoll it-talbiet għal assistenza finanzjarja skont ir-Regolament (UE) 2020/672 diġà ppreżentati jew ippjanati li jiġu ppreżentati minn Stati Membri oħra, filwaqt li ġew applikati l-prinċipji ta' trattament ugwali, solidarjetà, proporzjonalità u trasparenza,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1342 hija emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 jinbidel b'dan li ġej:

"1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni tal-Belġju self li jammonta għal massimu ta' EUR 8 197 530 000. Is-self għandu jkollu maturità medja massima ta' 15-il sena.";

(b) il-paragrafu 4 jinbidel b'dan li ġej:

"4. L-ewwel ħlas parzjali għandu jiġi rilaxxat soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim tas-self previst fl-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) 2020/672. Kull pagament ieħor għandu jiġi rilaxxat skont it-termini ta' ftehim ta' self bħal dan jew, fejn rilevanti, ikun soġġett għad-dħul fis-seħħ ta' addendum għal dan tal-aħħar, jew għal ftehim ta' self emendat konkluż bejn il-Belġju u l-Kummissjoni.";

(2) L-Artikolu 3 jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 3*

Il-Belġju jista' jiffinanzja l-miżuri li ġejjin:

(a) l-iskema tal-qgħad temporanju, 'chômage temporaire/tijdelijke werkloosheid' kif previst fil-'Koninklijk besluit van 30 maart 2020 tot aanpassing van de procedures in het kader van tijdelijke werkloosheid omwille van het Covid-19-virus en tot wijziging van artikel 10 van het koninklijk besluit van 6 mei 2019 tot wijziging van de artikelen 27, 51, 52bis, 58, 58/3 en 63 van het koninklijk besluit van 25 november 1991 houdende de werkloosheidsreglementering en tot invoeging van de artikelen 36sexies, 63bis en 124bis in hetzelfde besluit/Arrêté royal du 30 mars 2020 visant à adapter les procédures dans le cadre du chômage temporaire dû au virus Covid-19 et à modifier l'article 10 de l'arrêté royal du 6 mai 2019 modifiant les articles 27, 51, 52bis, 58, 58/3 et 63

de l’arrêté royal du 25 novembre 1991 portant réglementation du chômage et insérant les articles 36sexies, 63bis et 124bis dans le même arrêté’;

(b) l-introjtu ta’ sostituzzjoni għall-ħaddiema għal rashom b’rabta mal-COVID-19, ‘drittijiet ta’ tranżizzjoni b’rabta mal-kriżi’ kif previst fil-‘Loi du 23 mars 2020 modifiant la loi du 22 décembre 2016 instaurant un droit passerelle en faveur des travailleurs indépendants et introduisant les mesures temporaires dans le cadre du COVID-19 en faveur des travailleurs indépendants/Wet van 23 maart 2020 tot wijziging van de wet van 22 december 2016 houdende invoering van een overbruggingsrecht ten gunste van zelfstandigen en tot invoering van tijdelijke maatregelen in het kader van COVID-19 ten gunste van zelfstandigen’;

(c) il-liv tal-ġenituri tal-COVID-19 kif previst fl-‘Arrêté royal n° 23 du 13 mai 2020 pris en exécution de l’article 5, § 1, 5°, de la loi du 27 mars 2020 accordant des pouvoirs au Roi afin de prendre des mesures dans la lutte contre la propagation du coronavirus COVID-19 (II) visant le congé parental corona/Koninklijk besluit nr. 23 van 13 mei 2020, tot uitvoering van artikel 5, § 1, 5°, van de wet van 27 maart 2020 die machtiging verleent aan de Koning om maatregelen te nemen in de strijd tegen de verspreiding van het coronavirus COVID-19 (II) houdende het corona ouderschapsverlof’;

(d) l-iskemi reġjonali u kommunitarji ta’ appoġġ għall-introjtu, kif ġej:

(i) għar-Reġjun ta’ Brussell-Kapitali:

– primjum ta’ kumpens għall-kumpaniji kif previst fl-‘Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/019 du 23 avril 2020/Bijzondere machtenbesluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering nr. 2020/019 van 23 April 2020’, għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji b’persuna waħda;

– primjum ta’ kumpens għall-intraprendituri kif previst fil-‘Bijzondere machtenbesluit nr. 2020/030 van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 28 mei 2020/Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale de pouvoirs spéciaux n° 2020/030 du 28 mai 2020’, għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u għal kumpaniji b’persuna waħda, kif estiż bl-‘Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 15 octobre 2020 relatif à une aide aux secteurs de l'événementiel, du monde de la nuit, du tourisme et de la culture dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 15 oktober 2020 betreffende steun aan de evenementen-, uitgaans-, toeristische en culturele sector in het kader van de gezondheidscrisis COVID-19’ u kif estiż bl-‘Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 12 novembre 2020 relatif à une aide aux entreprises débits de boissons et restaurants dans le cadre de la crise sanitaire du COVID-19/ Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 12 november 2020 betreffende steun aan de eet- en drankgelegenhedenondernemingen in het kader van de gezondheidscrisis COVID-19’;

– primjum ta’ kumpens għall-ħaddiema intermittenti, kif previst fl-‘Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale du 24 juillet 2020

instaurant une aide exceptionnelle pour les travailleurs intermittents de la culture/Besluit van de Brusselse Hoofdstedelijke Regering van 24 juli 2020 houdende invoering van uitzonderlijke steun voor de cultuurwerkers';

– skema ta' appoġġ ta' emerġenza lill-intraprendituri u lill-kumpaniji b'persuna waħda kif prevista mill-'Arrêté du Gouvernement de la Région de Bruxelles-Capitale concernant l'octroi d'une subvention de 1.625.000,00 EUR à la SA Brusoc dans le cadre de l'octroi de micro-crédits de trésorerie pour les indépendants et les micro-entreprises en raison de la crise sanitaire du COVID-19/Toekenning van micro-kaskredieten voor zelfstandigen en zko's' għall-parti tan-nefqa pubblika relatata mat-telf mistenni fuq self mogħti lil dawk li jaħdmu għal rashom u kumpaniji ta' persuna waħda.

(ii) għar-Reġjun Fjamming u l-Komunità Fjamminga:

– primjum ta' fastidju kif prevista fil-'Besluit van de Vlaamse Regering van 20 maart 2020', għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji b'persuna waħda;

– primjum ta' kumpens kif prevista fil-'Besluit van de Vlaamse Regering van 10 April 2020', għal dik il-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għall-ħaddiema għal rashom u l-kumpaniji b'persuna waħda;

– primjum ta' appoġġ kif prevista fil-'Besluit van de Vlaamse Regering van 12 juni 2020', għall-parti tan-nefqa marbuta mal-appoġġ ta' dawk li jaħdmu għal rashom u ta' kumpaniji b'persuna waħda, kif estiż bil-'Besluit van de Vlaamse Regering van 23 oktober 2020', 'Besluit van de Vlaamse Regering van 7 augustus 2020' u 'Besluit van de Vlaamse Regering van 13 november 2020' (Skema ta' Protezzjoni Fjamminga 1, 2, 3).

(iii) għall-Komunità Franċiża:

– sovvenzjoni għall-operaturi kulturali kif prevista fl-'Arrêté du Gouvernement de la Communauté française de pouvoirs spéciaux n° 4 du 23 avril 2020';

– sovvenzjoni għan-nurseries kif prevista fl-'Arrêté du Gouvernement de la Communauté française du 7 avril 2020', għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal min jaħdem għal rasu u l-kumpaniji b'persuna waħda;

(iv) għar-Reġjun tal-Valonja:

– primjum ta' kumpens għall-għeluq tan-negozju kif prevista fl-'Arrêté ministériel du 8 avril 2020 portant exécution de l'arrêté du Gouvernement wallon du 20 mars 2020', għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u l-kumpaniji b'persuna wieħed;

– attivitajiet ta' taħriġ kif previsti fl-'Arrêté du Gouvernement wallon du 19 juin 2020';

(v) għall-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż:

– sovvenzjoni għall-operaturi kulturali u għal dawk li jaħdmu għal rashom kif prevista fil-'Parlament der Deutschsprachigen Gemeinschaft, Corona-

Krisendekret I vom 6. April 2020’, l-Artikolu 7, għall-parti tan-nefqa relatata ma’ self li jiġi kkonvertit f’għotjiet;

– sovvenzjoni għall-operaturi turistiċi kif previst fil-‘Parlament der Deutschsprachigen Gemeinschaft, CoronaKrisendekret III vom 20. Juli 2020’, l-Artikolu 4, għall-parti tan-nefqa relatata mal-appoġġ għal dawk li jaħdmu għal rashom u għall-kumpaniji b’persuna waħda;

(e) miżuri relatati mas-saħħa fil-Komunità li titkellem bil-Ġermaniż kif previsti fil-‘Parlament der Deutschsprachigen Gemeinschaft, Corona-Krisendekret I vom 6. April 2020’, l-Artikolu 7.”

(3) L-Artikolu 4 jinbidel b'dan li ġej:

“*Artikolu 4*

1. Il-Belġju għandu jinforma lill-Kummissjoni sat-30 ta’ Marzu 2021, u kull sitt xhur wara l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm din in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata b’mod sħiħ.

2. Meta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 ikunu bbażati fuq nefqa pubblika ppjanata u jkunu ġew soġġetti għal Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni li temenda d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni (UE) 2020/1342, il-Belġju għandu jinforma lill-Kummissjoni fi żmien sitt xhur wara d-data tal-adozzjoni ta’ din id-deċiżjoni, u kull sitt xhur minn hemm ’il quddiem dwar l-implimentazzjoni tan-nefqa pubblika ppjanata sakemm dik in-nefqa pubblika ppjanata tkun ġiet implimentata bis-sħiħ.”.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju tal-Belġju.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President